MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 12/2006

Frank Bugeja u martu Sonia Bugeja

Vs

Socjeta' Gatt Construction Ltd

Il-Qorti,

**Din hi kawza fejn l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta' tqattiegh ta' blat, mili u garr ta' materjal mill-progett ta' Chambray, liema xoghol sar fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-atturi fit-3 ta' Frar 2006 fejn ippremettew li:-

Fuq inkarigu tal-kumpannija Gatt Construction Ltd, l-attur wettaq kuntratt ta' appalt li kien jikkonsisti fi thammil ta'

terrapien u tqattiegh ta' blat mill-Fort Chambray, Ghajnsielem, Ghawdex.

Il-hlas dovut ghal dan ix-xoghol kien ta' hmistax-il elf tmien mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm15,863).

Mill-ammont dovut il-kumpannija konvenuta baqalgha thallas is-somma ta' elfejn disgha mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm2,928) kif ukoll l-ammont ta' elfejn ltt mija u disgha u sebghin lira u sitta u erbghin centezmi (Lm2,379.46) dovuti bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud bir-rata ta' 15% fuq l-ammont kollu li kien dovut u ghalhekk l-ammont bilancjali dovut hu ta' hamest elef tlett mija u sebgha liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm5,307.46).

Is-socjeta konvenuta ghalkemm debitament interpellata thallas dan l-ammont qeghda tirrifjuta.

Ghalhekk l-atturi talbu li l-Qorti:

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hamest elef tlett mija u sebgha liri Maltin u sitta u erbghin centezmu u tmien millezmi u dan in kwantu ghal elfejn disgha mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm2,928) ammont bilancjali dovut kif ukoll l-ammont ta' elfejn tlett mija u disa' u sebghin lira u sitta u erbghin centezmi u tmin millezmi (Lm2,379.46) dovuti bhala VAT bir-rata ta' hmistax fil-mija (15%) fuq l-ammont kollu li kien dovut u cioe' fuq l-ammont ta' ta' hmistax-il elf tmien mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm15,863).

Rat ir-risposta guramentata prezentata fl-10 ta' Marzu 2006 mis-socjeta konvenuta (fol. 7):-

1. Fl-ewwel lok il-pretensjonijiet tal-atturi huma frivoli u vessatorji u qeghdin isiru biss ghaliex is-socjeta konvenuta ghad ghandha tiehu minghand l-atturi, liema debitu hu l-mertu ta' kawza li qeghda tinstema' quddiem il-Qorti diversament presjeduta u fil-fatt diga' giet appuntata ghas-smiegh u saret l-ewwel udjenza.

2. Fit-tieni lok it-talba tal-atturi hi nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt ghaliex is-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda debitu xi thallas lill-atturi, kif ser jirrizulta waqt il-kawza.
3. Lanqas mhu minnu li hemm dovut xi ammont ta' VAT ghaliex il-hlas kollu sar skond ftehim li gie ffirmat bejn il-partijiet liema hlas dejjem gie accettat mill-atturi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh.

Rat l-atti tal-kawzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fl-ismijiet **Gatt Construction Limitd vs Frank Bugeja** (Avviz numru: 25/2005AE) li qeghda tigi deciza wkoll illum u d-digriet moghti fis-16 ta' Novembru 2007 (fol. 47) fejn il-Qorti ordnat li l-provi li qeghdin jingabru fl-imsemmija kawza ghandhom iservu wkoll ghal din il-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti li waslu ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-
(a) Fid-29 ta' Novembru 1999 giet iffirmata skrittura privata bejn il-partijiet li bih is-socjeta konvenuta tat appalt lill-attur li jikkonsisti fi *"....tqattiegh, mili, garr u rimi ta' blat mill-Progett ta' Chamre f'Ghajnsielem, Ghawdex, ghall-prezz ta' Lm1.25 kull metru kubu. Dan ix-xoghol ghandu jinbeda immedjatament u jkompli sejjer sakemm jitlesta."*. Dwar hlas ta' Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma jissemma xejn.
(b) Il-kejl ta' materjal li tqatta' hu ta' 12,690.50 kubi metri. Id-dokument li jirrelata ghall-kejl hu datat 28 ta' Awwissu 2000 (fol. 24-31). Bir-rata ta' Lm1.25 kull metru kubu, it-total hu ta' hmistax-il elf tmien mija u tlieta u sittin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm15,863.12). Dan l-ammont m'huwiex qieghed jigi kontestat mis-socjeta konvenuta, kif jikkonferma r-rendikont prezentat mis-socjeta attrici fil-kawza fuq imsemmija[1]. Jirrizulta wkoll li l-attur inkariga lil surveyor Saviour Bonello sabiex jiehu l-kejl ta' blat li tqatta'. Id-dokument bil-kejl li ghamel Saviour Bonello jgib id-data tal-1 ta' Lulju 2000[2]. Ghalkemm skond

[1] Ara fol. 21.
[2] Fol. 49 tal-Avviz 25/2005 – Gatt Construction Ltd vs Frank Bugeja.

dan id-dokument il-kejl hu ta' tlettax-il elf mitejn u sebgha u tmenin punt hamsa u sebghin metru kubu (13,287.75), bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni li l-kalkoli ghandhom isiru fuq il-kalkoli li jirrizultaw mid-dokument a fol. 24.
(c) Is-socjeta konvenuta ghamlet is-segwenti hlasijiet (li wkoll hemm qbil dwarhom[3]):-

- 30/6/2000 – cekk.........................................Lm3,000
- 6/9/2000 – flus kontanti................................Lm3,000
- 15/5/2001 – *credit note*.................................Lm1,500
- 11/7/2001 – hlas ta' credit note.....................Lm2,000
- 12/11/01 – bank draft...................................Lm1,098

**TOTAL TA' HLASIJIET..........................Lm10,598**

2. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li l-fatt li l-atturi ghamlu l-kawza meta s-socjeta konvenuta kienet diga' ghamlet kawza biex tirkupra hlas li tippretendi minghand l-attur, ma jfissirx b'daqshekk li din il-kawza hi frivola u vessatorja. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi nfondata u ser tigi michuda.
3. Fis-seduta tas-17 ta' April 2008 gie verbalizzat (fol. 52):-

*"Il-partijiet qeghdin jaqblu illi f'din il-kawza l-unika kontestazzjoni bejn il-partijiet hija l-ammont ta' VAT in kwantu s-socjeta' konvenuta qeghda ssostni illi l-ftehim kien ta' Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25) per cubic metre ghall-qtugh, garr u rimi ta' materjal u f'liema rata s-socjeta konvenuta qeghda ssostni li hemm inkluz il-VAT."*.

[3] Ghamel paragun tar-renikont prezentat mill-atturi (fol. 20) u dak prezentat mis-socjeta konvenuta (Avviz numru 25/2005) a fol. 21.

Sussegwentement, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2008 id-difensur tas-socjeta konvenuta vverbalizza:-

*"B'riferenza ghall-verbal tas-17 ta' April 2008, Dr. Noel Camilleri jirrileva li l-posizzjoni tas-socjeta konvenuta hija dik imnizzla fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, fejn primarjament qed jecepixxi li hi m'ghandha taghti ebda ammont, u kwindi l-VAT mhux dovuta, ghaliex l-ammont ta' Lm2928, li qed jitlob l-attur bhala ammont bilancali, dan gie mhallas u dan gie kkonfermat mill-istess attur, sknod dokument li gie pprezentat fil-kawza fl-ismijiet inversi markat bhala Dok. XX1, liema dokument gie prezentat fis-17 ta' April 2008."*.

Id-difensur tal-atturi argumenta li l-verbal li sar fis-seduta tas-17 ta' April 2008 kien jorbot lill-partijiet. Ghalkemm fil-principju ghandu ragun, pero l-Qorti ma tistax tiskarta l-provi li tressqu mis-socjeta konvenuta u l-mod kif impostat l-argument taghha. Fuq ix-xoghol ta' tqattiegh ta' blat, mili u garr ta' materjal is-socjeta konvenuta kienet qeghda mill-bidunett tikkontesta li ghandha thallas iktar flus lill-atturi. Anzi ssostni li l-attur hu debitur taghha ghaliex ghandu jhallas is-somma ta' disgha mija u tmienja u hamsin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm985.55) ghall-garr ta' materjal, ammont li ntalab fil-kawza fl-ismijiet **Socjeta Gatt Construction Ltd vs Frank Bugeja** (Avviz numru:- 25/2005). Ghalhekk il-Qorti tqies li ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dawn il-fatti u tibbaza d-decizjoni fuq dak li nghad fis-seduta tas-17 ta' April 2008.

4. M'hemmx dubju li l-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Sfortunatament it-trapass ta' dawn is-snin kollha minn meta sar in-negozju jaghtu lok ghall-iktar diffikultajiet, incertezzi u zgur li ma jghinx. Min-naha taghha s-socjeta attrici qeghda tippretendi li:-

(a) **Taxxa ta' Valur Mizjud** fuq l-ammont ta' Lm15,863.12 m'huwiex dovut u Mario Gatt (rapprezentant tas-socjeta konvenuta) xehed li r-rata pattwita (Lm1.25 kull metru kubu) tinkludi fiha t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

Fl-iskrittura li giet iffirmata fid-29 ta' Novembru 1999, it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma tissemmix. L-Artikolu 49 tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406) jipprovdi:-

**49.** (1) Where any registered person indicates the price of goods offered for sale by retail, such price shall be indicated in such a manner as to be inclusive of the tax chargeable under this Act, if any, on the supply of the said goods.

(2) Where the amount of tax chargeable under this Act is not identified in a payment for a taxable supply or in a price charged, otherwise than in an invoice or a document serving as invoice issued by a taxable person to another taxable person, for a taxable supply that payment or price shall be deemed to be inclusive of tax.

(3) Where the amount of tax chargeable under this Act is not identified in the price charged for a supply on an invoice or a document serving as invoice issued by a taxable person to another taxable person that price shall be deemed to be exclusive of tax.

Pero' rilevanti hu li s-subincizi (2) u (3) gew introdotti permezz ta' l-Att X tal-2003, filwaqt li l-kaz taghna jittratta ftehim li sar fl-1999. Il-Qorti ma tistax taqbel mas-socjeta konvenuta li l-fatt wahdu li ma ssemma xejn dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud allura jfisser li t-taxxa hi nkluza fil-prezz pattwit.

(b) Mill-bilanc dovut lill-atturi ghandha titnaqqas is-somma ta' sitt elef mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm6,251) ghal *"Garr ta' materjal minn Gatt Brothers 16,450 cubic yards at 0.38c (Excluding Vat)"*. M'hemmx dubju li s-socjeta konvenuta garret materjal li suppost ingarr mill-attur, u hadet il-materjal fil-barriera taghha. Kif rajna parti mill-appalt moghti lill-attur kien jinkludi *"garr u rimi ta' blat mill-progett"*.

5. Il-Qorti tistqarr li d-dokument a fol. 75 tal-kawza **Socjeta Gatt Construction Limited vs Frank Bugeja** (Avviz numru: 25/2005) kienet il-prova li xxaqleb il-mizien favur is-socjeta konvenuta. Dan id-dokument hu datat **12 ta' Novembru 2001** u jaqra hekk:-

*“Jien hawn taht iffirmat Franco Bugeja I.D. Card No. 18472(G) niddikjara li rcivejt s-somma ta’ Lm1098.00 (Elf u Tminja u disghin Lira Maltin). Minghand Mario Gatt I.D. Card No. 46159(G),* ***bhala hlas kollu u finali sal-lum****, ta’ qtugh ta’ blat mill-Progett ta’ Chambray Ghawdex.”* (enfazi tal-Qorti).

In kontro-ezami l-attur xehed: *“Qieghed nigi muri d-dokument illi qieghed jigi issa prezentat u mmarkat bhala XX1, qed nigi mistoqsi hijiex il-firma tieghi fuq dan id-dokument, jiena nghid li ma hijiex il-firma tieghi. Jiena l-firma fuq dak id-dokument illi hu kopja ma hiniex naghrafha bhala tieghi.* ***Qieghed issa nara l-original tad-dokument illi qieghed jigi prezentat u mmarkat Dok. XX1 u nikkonferma li l-firma taqbel ma tieghi.****”* (enfazi tal-Qorti). L-attur ma hassx il-htiega li jispjega ghalfejn iffirma dak id-dokument meta f’din il-kawza qieghed ighid li ghad fadallu jircievi hlas fuq l-appalt moghti lilu mis-socjeta konvenuta. Mill-provi rrizulta li wara dan il-pagament l-attur ma ghamilx iktar xoghol ta’ tqattiegh ta’ blat fil-progett ta’ Chambray. Il-kontendenti jaqblu li l-ahhar pagament li sar (Lm1,098) kien jirreferi ghall-appalt moghti lill-attur fil-progett ta’ Chambray. Id-dokument mhu xejn ghajr ricevuta tal-hlas u konferma li l-attur kien qieghed jircievi l-ahhar pagament fir-rigward tax-xoghol lilu moghti sa dakinhar. Il-Qorti ma tistax tiskarta prova bhal din li ma gietx ribattuta b’xi prova konvincenti min-naha tal-atturi.

Il-Qorti temmen li fil-kors tat-twettiq tal-appalt xi tip ta’ ftehim kien intlehaq mal-attur. Dan fis-sens li l-ftehim originali kien fis-sens li l-attur nghata x-xoghol ta’ *“tqattiegh, mili, garr u rimi ta’ blat.....”*. Ghalhekk il-prezz pattwit kien jinkludi **l-garr u rimi** tal-materjali. Mill-provi l-Qorti hi sodisfatta li fil-kors tax-xogholijiet is-socjeta konvenuta bdiet tghin lill-attur fil-garr tal-materjal bit-trukkijiet taghha. Il-probabilita’ hi li dan il-fatt kellu jittiehed in konsiderazzjoni ghaliex inkellha kien ikun ifisser li l-attur ser jithallas ukoll ta’ xoghol li ma ghamilx. L-attur isostni li

qatt ma sar xi ftehim li s-socjeta konvenuta ser tithallas ghall-garr ta' merkanzija, iktar u iktar meta l-blat li garret uzatu. Materjal li l-attur jargumenta li seta' jbiegh bi qligh. Mario Gatt jikkontesta li dan il-materjal intuza u anzi qal li ma kienx tajjeb. Mill-provi rrizulta li qabel il-materjal ittiehed fil-barriera tas-socjeta konvenuta, kien qieghed jingarr ghal site tal-kumpannija Road Construction Co. Limited. Irrizulta wkoll kif din il-kumpannija ma kenitx qeghda thallas lill-attur tal-materjal l ikien qieghed jarmi. Joseph Grima[4] xehed: *"Jiena ma niftakarx kemm Frank Bugeja gabilna materjal mis-site ta' Chambray.* ***Dwar dan ma kien hemm ebda hlas ta' korrispettiv la lilna (recte, minna) lilu u lanqas hu lilna.***". Ma jidhirx ghalhekk li l-attur kien f'dak l-istadju interessat li jinnegozja l-materjal li kien qieghed iqatta' imma pjuttost li jlesti x-xoghol li nghata u ma jhallasx ghar-rimi tal-materjal. Il-Qorti hi tal-fehma li bil-pagament li sar fit-12 ta' Novembru 2001 in-negozju nghalaq. Il-Qorti ma tista' ssib l-ebda raguni ohra ghalfejn l-attur iffirma d-dokument XX1 li fih hemm dikjarat ***"bhala hlas kollu u finali sal-lum"***. Ir-raguni tghidlek li kieku dak il-hlas kien sar akkont, ma kenitx issir dikjarazzjoni simili. Mill-provi lanqas ma rrizulta li wara l-pagament li sar fit-12 ta' Novembru 2001 l-attur kien qieghed jippretendi iktar hlasijiet fir-rigward tax-xoghol li wettaq sakemm is-socjeta attrici bdiet titolbu l-hlas ghall-bejgh u konsenja ta' konkrit. Il-Qorti lanqas mhi sodisfatta li f'dak l-istadju kien hemm xi bilanc dovut lis-socjeta konvenuta ghall-garr ta' merkanzija. Fl-imsemmi dokument ma jinghad xejn f'dan ir-rigward u r-*remittance advice* datata 29 ta' Novembru 2003 mibghut mis-socjeta konvenuta lill-attur hi ndizju f'dan ir-rigward. Fl-imsemmi dokument jissemmew biss is-somma ta Lm2337.69 (bejgh u konsenja ta' konkrit) u VAT fuq dan l-ammont. Jinghad ukoll: *"Please settle this bill in one week time otherwise interest will be added."*[5]. L-ispjegazzjoni li ta Mario Gatt li dak kien zball tas-segretarja m'hijiex sodisfacenti u lanqas konvincenti, u bl-ebda mod ma giet korraborata (ezempju *remittance advice* mibghut qabel 29 ta' Novembru 2003

---

[4] Direttur ta' Road Construction Co. Limited.
[5] Fol. 48 tal-avviz numru 25/2005.

fejn is-somma ta’ Lm985.88 kienet inkluza jew bix-xiehda tas-segretarja).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezjoni, tilqa’ t-tieni (2) eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u ghalhekk tichad it-talba tal-atturi.

Spejjez kontra l-atturi b’dan li spejjez relatati mal-ewwel eccezzjoni huma a karigu tal-kumpannija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------